StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 3

**Il-Ħames Sena IL-ĠEOGRAFIJA (Ġenerali) IL-ĦIN: Siegħa u tliet kwarti**

**L-Isem: ______________________________________ Il-Klassi: _______________**

**It-tweġibiet għandhom jinkitbu fuq karta separata, minbarra għal mistoqsija 3.**

**Din hija lista ta' kliem ġeografiku użat f'din il-karta tal-eżami u t-tifsira tiegħu bl-Ingliż.**

| | |
|---|---|
| *Xagħri* | *Scrub vegetation* |
| *Bosk* | *Woodland* |
| *Tisħin globali* | *Global warming* |
| *Foresta milwiemi tropikali* | *Tropical Rainforest* |
| *Telf ta' ħamrija* | *Soil Erosion* |
| *Ragħa Eċċessiv* | *Overgrazing* |
| *Art/ħamrija ħawlija* | *Soil Exhaustion* |

**Sezzjoni A**
**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha f'din is-sezzjoni (minn 1 sa 9). It-tweġibiet għandhom ikunu qosra u preċiżi.**

1. Bl-għajnuna ta' disinn 1 spjega fil-qosor għaliex:
   (i) postijiet fuq l-Ekwatur (A) huma sħan ħafna, u
   (ii) postijiet qrib il-poli (B) huma kesħin.




*Disinn 1*

(4)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Spjega għaliex f'postijiet għoljin u fuq il-muntanji nsibu temperaturi baxxi. )

3. Fuq il-mappa tad-dinja t'hawn taħt (Disinn 2) immarka u semmi **erba'** postijiet/reġjuni li għandhom klima Mediterranja.



*Disinn 2 – Mappa tad-Dinja*

4. Agħti **erba'** karatteristiċi ewlenin tal-klima Mediterranja. (4)

5. Agħti tifsira tal-kelma 'ħamrija'. Semmi u spjega **tliet** ħwejjeġ li permezz tagħhom il-ħamrija taf tkun differenti waħda minn oħra. (4)

6. Spjega sewwa **żewġ** tipi ta' attivitajiet ekonomiċi minn Industrija Primarja, Industrija Sekondarja u Industrija Terzjarja. Agħti eżempju wieħed ta' xogħol li jaqa' taħt kull settur li semmejt. (4)

7. L-istampa li tinsab f'paġna 3 turi mezz wieħed kif il-veġetazzjoni fil-foresti milwiema tropikali adattat għall-ambjent tal-post. Semmi x'jissejħu l-għeruq li qed naraw f'disinn 3 u spjega għaliex dawn huma meħtieġa.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com



*Disinn 3*

(4)

8. Spjega għaliex fil-foresti milwiema tropikali bħall-Foresta Amażon:
   (i) il-pjanti jikbru malajr ħafna;
   (ii) ftit li xejn jikbru pjanti mal-art *(undergrowth)*;
   (iii) insibu siġar għoljin ferm (aktar minn 40 metru);
   (iv) il-weraq ta' ħafna pjanti ġejjin għall-ponta (*drip tip)* (4)

9. Ħares sewwa lejn il-mappa tal-Ewropa hawn taħt (Disinn 4).

   a. Agħti l-ismijiet tal-pajjiżi mmarkati bl-ittri A, B, C u D. (4)
   b. Agħti wkoll l-ismijiet tal-bliet kapitali tal-pajjiżi mmarkati bl-ittri E, F, G u H. (4)




*Disinn 4 - Mappa tal-Ewropa*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Sezzjoni B**
**Wieġeb 3 mistoqsijiet minn din is-sezzjoni (minn 10 sa 13). It-tweġibiet iridu jkunu de**
**Kull mistoqsija għandha 20 marka.**

10. a. Agħti l-isem ta' deżert sħun f'kull wieħed minn dawn il-kontinenti: L-Afrika, L-Amerika t'Isfel, L-Amerika ta' Fuq u L-Asja. (4)

b. Iddeskrivi **żewġ** karatteristiċi klimatiċi ta' deżert sħun. (4)

c. Il-pjanti li jgħixu u jikbru fid-deżerti sħan huma adattati sew għall-klima tal-post. Iddeskrivi **erba'** modi differenti li bihom il-pjanti jirnexxilhom jadattaw għall-klima tad-deżerti sħan. (8)

d. L-iġmla kapaċi jgħixu sewwa ħafna fid-deżerti sħan tropikali. Spjega **erba'** modi li jgħinu lill-ġemel jgħix komdu fid-deżert. (4)

11. *'Jekk it-tisħin globali jkompli jiżdied u l-problema tat-tibdil fil-klima ma niħduhiex bis-serjetà billi nnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, Malta ma tibqax tingħaraf mill-gżira kif nafuha llum'.*

a. Spjega l-frażi **tisħin globali**. (4)

b. Fil-qosor spjega kif it-tisħin globali jista' jaffettwa l-klima u l-kosta Maltija. (6)

c. X'se jkunu l-effetti tat-tisħin globali fuq dawn iż-żewġ setturi tal-ekonomija Maltija: it-turiżmu u l-biedja? (6)

d. Semmi u spjega **erba'** miżuri li jistgħu jittieħdu lokalment biex innaqqsu kemm nistgħu l-effetti tat-tisħin globali. (4)

12. a. Agħti spjegazzjoni fil-qosor ta' dawn iż-żewġ ambjenti naturali li nsibu fil-Gżejjer Maltin:
(i) bosk
(ii) xagħri (6)

b. Agħti eżempju ta' siġra/pjanta li tikber sewwa f'kull wieħed mill-ambjenti msemmija fil-mistoqsija 12a fuq. (2)

c. F'Malta l-ambjent tal-bosk tista' tgħid li nqered kompletament kawża tal-attività tal-bniedem kif ukoll minħabba kawżi naturali. Spjega kif matul is-snin dan l-ambjent inqered. (4)

d. Spjega kif il-pjanti u s-siġar li jikbru b'mod naturali fil-Mediterran huma adattati għall-kundizzjonijiet tal-klima Mediterranja. (8)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

13. a. Semmi ż-żewġ fatturi klimatiċi ewlenin li jwasslu għat-telf tal-ħamrija.

b. Id-disinn t'hawn taħt (Disinn 5) juri art lesta biex tinżera' wara li l-bidwi ħaratha. Fejn taħseb li l-aktar huwa possibbli li tintilef il-ħamrija, fil-parti ta' fuq jew t'isfel tad-disinn? Agħti r-raġunijiet tiegħek.



*Disinn 5*

(5)

c. Spjega kif il-ħitan tas-sejjieħ jistgħu jgħinu kontra t-telf tal-ħamrija speċjalment fuq art imżerżqa. (2)

d. Spjega l-kliem li ġej: ragħa eċċessiv (overgrazing), deforestazzjoni, art/ħamrija ħawlija (soil exhaustion). Għid kif dawn ifaqqru l-fertilità tal-ħamrija u jwasslu għat-telf tagħha. (12)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers